# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 9**

**Avviz numru 666/01/SM**

**Emmanuel Delicata Distributors Ltd.**

**vs**

**Excell Catering Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf seba mija u tlieta u disghin liri Maltin, u erbgha u tletin centezmi (Lm1793.34,0) kwantu ghall-elf erba mija sitta u tletin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1436.49,0) prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjati u kwantu ghall-tlett mija sitta u hamsin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm356.85,0) rifuzjoni ta' self avvanzat lis-socjeta' konvenuta minn dik attrici;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 1698/01 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 16 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha cediet is-sorte stante hlas fil-mori tal-kawza u zammet ferm il-Kap tal-ispejjez;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-16 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**